


# Il-Benefattriċi Linda Razzini u l-Isfera tal-Festa (1916-2016)

*Pawlu Dimech*

Fl-okkażjoni ta' għeluq il-100 sena minn mindu nġiebet l-isfera tal-festa nixtieq nagħti xi informazzjoni dwar il-benefattriċi Linda Razzini li kienet waħda milli tat il-ġojjelli tal-familja għad-dekorazzjoni tal-istess sfera. L-isfera hija bħal ostensorju li fiha titpoġġa l-Ostja Mqaddsa għall-adorazzjoni u biha tingħata l-Barka Sagramentali. Hija tiġi merfugħa fil-purċissjonijiet bis-Ssmu Sagrament, ġeneralment taħt il-baldakkin jew umbrella.

Għall-ħtiġijiet spiritwali tan-nies li kienu jgħixu fil-Marsa, il-koppja Lorenzo u Maria Karmena Balbi bniet minn flusha l-knisja parrokkjali ddedikata lill-misteru kbir tal-fidi tagħna, lit-Trinità Qaddisa. Fis-snin ta' wara sal-ġurnata tal-lum kienu ħafna dawk il-benefatturi li flimkien mal-ġenerożità kbira tal-poplu tal-Marsa għamlu diversi opri artistiċi li biha hija mżejna l-knisja parrokkjali. Waħda minn dawn il-benefatturi kienet is-Sinjura Linda Razzini.


DOMINA·LINDA·VIDVA·RAZZINI
FVNCTIONVM·SACRARVM
CANTVSQVE·LITVRGICI
SPLENDOREM·ATQVE·DECOREM
IN·DELICIIS·HABENS
FILIÆQVE·SVÆ·EVELLINÆ·DEFVNCTÆ
MEMORIAM·FACIENS
DOTEM·QVAM·IPSI·PARAVERAT
EXPENDIT
EAQVE·TEMPLVM·HOC·SACRÆ·TRIADI·DICATVM
ORGANO·PNEVMATICO
EXORNAVIT
ANNO·DÑI·MCMXXI
FRATRES·CAPVLATI·HVIVS·COENOBII
IN·GRATI·ANIMI·SIGNVM
POSTERISQVE·EXEMPLVM
LAPIDEM·HANC·MARMOREAM
ANNO·DÑI·MCMXXII
PONENDAM·CVRARVNT

Teodalinda Lunghi, l-isem proprju tagħha, twieldet f'Pavia, l-Italja, minn Giovanni Lunghi u Luigia Meli. Hija żżewġet lil Pawlu Razzini u kellhom tifla unika li semmewha Evelina u li kienet l-għożża tagħhom. Linda tilfet lil żewġha Pawlu u iktar tard lil bintha Evelina nhar it-3 ta' Awwissu 1900 fl-età ta' 23 sena. Hija kienet toqgħod fid-dar 56, Triq Sant' Antnin, il-Marsa, u wara marret toqgħod f'dar 42 fl-istess triq sa ma mietet nhar il-5 ta' Ġunju 1933 fl-għomor ta' 76 sena. Hija tinsab midfuna fil-qabar privat tal-familja Razzini fiċ-ċimiterju ta' Sidtna Marija Addolorata.

Teodalinda kellha somma ġmielha ta' flus li refgħet għad-dota tat-tifla unika tagħha Evelina. Wara l-mewt ta' bintha bdiet taħseb x'se



*L-Artal ta' San Frangisk*

tagħmel b'din is-somma flus u xtaqet li jsiru xi opri fil-knisja parrokkjali tal-Marsa li jibqgħu bħala tifkira dejjiema tagħha, ta' żewġha Pawlu u ta' bintha Evelina.

Fil-1914 hija rregalat kalċi lill-parroċċa u fl-1916 tat ċensier u navetta tal-fidda b'tifkira ta' bintha Evelina kif insibu miktub fuq iċ-ċensier. Fl-1921 ħallset għall-ewwel orgni bil-minfaħ tal-idejn li kellha l-knisja. Dan l-orgni kien tad-ditta Inzoli u tkisser kollu meta f'April tal-1942 il-knisja ġiet milquta bil-bombi tal-għadu fl-aħħar gwerra dinjija. Bejn l-artal ta' San Franġisk t'Assisi u n-niċċa tal-istess qaddis hemm irħama mal-pilastru b'kitba bil-Latin li tgħid hekk, "L-armla, is-Sinjura Linda Razzini, li għandha għal qalbha s-sbuħija u l-ġieħ tal-funzjonijiet sagri u l-kant tal-liturġija b'tifkira ta' bintha mejta Evelina, bil-flus tad-dota li kienet ħejjiet għaliha, żejnet dan it-tempju ddedikat lit-Trinità Qaddisa b'orgni tal-minfaħ fis-sena 1921." Il-patrijiet Kapuċċini ta' dan il-kunvent, b'turija ta' radd il-ħajr, fis-sena 1922 ħadu ħsieb iqiegħdu din l-irħama bħala sinjal u eżempju għal dawk li jiġu warajhom.

Linda ħallset għall-pissidi li fih jinżammu l-ostji kkonsagrati. F'dik is-sena li ġie inawgurat l-orgni, fl-1921, ħallset għall-ispejjeż tal-artal tal-irħam ta' San Franġisk t'Assisi li ħa post artal ieħor li kien hemm qabel maħdum mill-ġebla Maltija u li kien sar bi spejjeż tal-Kavallier Lorenzo u Marija Karmena Balbi. Taħt il-mensola tal-artal hemm kitba bil-Latin li tfakkar din il-benefattriċi Teodalinda Razzini. Fl-1924 ħallset għall-artal tal-Appostlu Missierna San Pawl u taħt il-mensola hemm kitba bil-Latin li tfakkar dan. L-artal tal-irħam kien ħa post ukoll l-artal tal-ġebel li kien sar bi spejjeż tal-benefatturi Balbi li bnew il-knisja.

Iżda biex niġbru kollox ma nistgħux ma nsemmux il-kontribut li Linda Razzini tat għad-dekorazzjonijiet tal-isfera tal-festa li nġiebet fil-parroċċa fl-1916. Kien bit-tħabrik tal-prokuratur Patri Rafel Hockey, Kapuċċin mill-Isla, li nġiebet din l-isfera u ħallsu għaliha Filippu u Mikiel Cilia, kif tixhed il-kitba li hemm fuq wara flimkien mad-data 1916 AD. Il-parti ta' fuq tal-isfera hija kollha tal-fidda, imbanjata bid-deheb u tispiċċa b'kuruna





*L-Artal ta' San Pawl*

barokka. Iċ-ċentru tagħha huwa mdawwar bis-sħab b'raġġi ħerġin minnhom u b'sitt irjus ta' anġli maż-żbul u l-għeneb li huma s-simbolu tal-Ewkaristija. Fil-parti t'isfel hemm id-data 1742 wara ras ta' anġlu li turi li hija qadima u għalhekk inġiebet minn x'imkien ieħor. Id-disinn u d-dekorazzjoni tagħha sar mis-Sur Ġużeppi Decelis mill-Birgu.

Imxerrda mal-isfera hemm is-simboli tat-Trinità Qaddisa bl-għajn fit-trijangolu għall-Missier, is-salib għall-Iben u l-ħamiema għall-Ispirtu s-Santu.

Fejn titpoġġa l-Ostja Mqaddsa u l-kuruna huma mżejnin bid-djamanti, rubini u ħaġar prezzjuż. Hija twila 90 ċentimetru jew jarda nieqes ftit, u fil-parti t'isfel nett hemm kitba bil-Latin li tfakkar "il-memorja ta' Linda u żewġha Pawlu Razzini". Peress li l-isfera hija tqila, biex tintrefa' għandha bħal ganċ biċ-ċinga li jintlibes mal-għonq taċ-ċelebrant li jkun qed jerfagħha, l-iktar għal waqt il-purċissjonijiet bis-Santissmu Sagrament. L-isfera kienet tintuża fil-purċissjoni tal-festa titulari sal-1977 għax mis-sena ta' wara l-purċissjoni bdiet issir bl-istatwa tat-Trinità Qaddisa wara li ħareġ permess mill-Vatikan.

Filwaqt li nkunu rikonoxxenti lejn din il-benefattriċi Teodalinda Razzini, tkun ħaġa sabiħa li napprezzaw tant teżori tal-arti li tkun armata bihom il-knisja parrokkjali tagħna speċjalment fil-festa titulari. Dawn huma xhieda tal-fidi, l-imħabba u l-ħafna sagrifiċċji tal-poplu Marsi li għadu jgħożż dan it-tempju għażiż u l-festa titulari tat-Trinità Qaddisa.